**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 25 ta' Settembru 2018**

Numru: 4

**Rikors Nru. 901/2018**

**Av. Dott. Tonio Fenech**
**in rapprezentanza ta' Barclays Bank plc,**
**bank esteru, registrat l-Ingilterra**

**Vs**

**il-Bastiment M/Y INDIAN EMPRESS,**
**IMO Number 1006245 ("Il-Bastiment")**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-Barclays Bank plc. tal-11 ta' Settembru 2018 li jghid hekk:

1. Illi l-Bank rikorrenti huwa kreditur tal-Bastiment intimat fl-ammont ta' Eur 24, 887,853.25 (erbgha u ghoxrin miljun tmien mija u sebgha u tmenin tmien mija u tlieta u hamsin Euro u hamsa u ghoxron centezmu), ikkalkulat sal-15 ta' Mejju 2018, b'rizerva ghall-imghaxijiet, spejjez u ammonti ohra dovuti sal-gurnata tal-pagament effettiv, liema kreditu huwa kawtelat b'zewg ipoteki navali ossia mortgages datati rispettivament 8 ta' Awwissu 2008 u 24 ta' Marzu 2010, liema mortgages gew rezi titolu ezekuttiv bis-sahha ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Mejju 2018 (numru 1812/2018) u debitament notifikata lill-bastiment intimat. Imghaxijiet u spejjez ulterjuri qed ikomplu jizdiedu fuq il-mortgage claim tal-Bank sad-data tal-pagament effettiv.

2. Illi l-Bastiment huwa prezentement milqut minn numru ta' mandati kemm ezekuttivi kif ukoll kawtelatorji ta' arrest mahruga minn diversi kredituri, inkluz dak mitlub u ottenut mill-Bank rikorrenti numru 898/2018.

3. Illi l-Bank rikorrenti ipprezenta wkoll nota fl-atti tal-bejgh bl-irkant (Subbasta 12/2018MCH Melita Power Diesel Limited vs M/Y Indian Empress IMO No. 1006245) a tenur tal-artikolu 346 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li biha dahal fl-atti tal-irkant

bhala esekutant iehor u ghaldaqstant ai termini tal-istess artikolu ghandu jkollu l-istess jeddijiet u obbligazzjonijiet daqs li kieku kien l-esekutant originali.

4. Illi s-socjeta Melita Power Diesel Ltd kienet iddikjarat fil-kuntest ta' rikorsipprezentat mill-Bank rikorrenti nhar l-1 ta' Gunju 2018 fl-istess atti, illi kellha il-pussess u l-kustodja fil-kapacita taghha ta' agent tal-istess Bastiment, numru ta' oggetti illi kienu tnehhew minn abbord il-Bastiment, u wara li din l-Onorabbli Qorti tat l-ordnijiet opportuni, l-istess Melita Power Diesel Ltd ipprezentat nota nhar it-28 ta' Awwissu 2018 fejn tnizzlu xi dettalji tal-istess oggetti.

5. Illi s-subbasta tal-Bastiment li giet ordnata minn din l-Onorabbli Qorti saret nhar it-28 ta' Gunju 2018, fejn il-Bastiment gie aggudikat ghall-prezz komplessiv ta' €43,500,000 (inkluz VAT), b'dan illi l-persuna li tefghet l-offerta vincenti naqset milli tiddepozita l-prezz ghall-Bastiment skond il-ligi.

6. Illi wara rikors ulterjuri ntavolat mill-Bank rikorrrenti nhar it-13 ta' Lulju 2018 fl-atti tal-istess subbasta, din l-Onorabbli Qorti akkoljiet it-talba tal-Bank rikorrenti, u appuntat subbasta ulterjuri tal-Bastiment ghad-19 ta' Settembru 2018 liema subbasta ghandha issir soggetta ghat-termini u kondizzjonijiet imposti permezz tad-digriet tat-18 ta' Lulju 2018.

7. Illi l-imsemmi rikors tal-Bank rikorrenti kien assoggetta s-subbasta ulterjuri ghall-possibilita illi ssir talba skond l-artikoli 358-364 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jippermettu l-possibilita illi l-Qorti tapprova l-bejgh tal-Bastiment.

8. Illi l-Bank rikorrenti gie avvicinat minn terzi li esprimew interess illi jixtru l-Bastiment, u wara negozjati intensivi l-Bank rikorrenti lahaq ftehim, ossija Memorandum of Agreement ("MOA") kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata "Dokument TF1", ghall-bejgh ta' l-istess Bastiment, lis-socjeta Maltija Sea Beauty Yachting Limited (C87791) ta' 70, Triq il-Konti R. Barbaro, Attard ATD 1200 (ix-"Xerrejja"), liema bejgh huwa pero soggett ghall-approvazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, u soggett ukoll ghat-termini u kundizzjonijiet kollha inkluzi fl-MOA, li jiddetermina wkoll il-passi kollha ghall-bejgh tal-Bastiment ghall-prezz ta' hamsa u tletin miljun Ewro (€35,000,000), liema somma ma tinkludix taxxa fuq il-valur mizjud skond il-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta ("VAT"), u x-Xerrejja fil-fatt iddepozitat d-depozitu msemmi fl-istess MOA skond it-termini tal-istess ftehim, bhala xhieda tal-bwona fede taghha.

9. Illi l-prezz li accettat thallas ix-Xerrejja skond il-MOA huwa certament ragjonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz, pjenament kompatibbli mal-valur tas-suq tal-Bastiment, u l-Bank rikorrenti qieghed jannetti ma' dan ir-rikors l-istimi ta' zewg stimaturi indipendenti u ta' fama tajba li jindikaw l-istima rispettiva taghhom tal-valur tal-Bastiment fis-suq (kopji tal-istimi huma annessi prezenzjalment ma' dan ir-rikors u mmarkati "Dokument TF2" u "Dokument TF3" rispettivament).

10. Illi fic-cirkostanzi huwa kjarament fl-interess tal-kredituri maghrufa kollha tal-Bastiment illi l-bejgh tal-istess Bastiment jipprocedi skond it-termini tal-MOA malajr kemm jista' ragjonevolment ikun, sabiex jigu evitati aktar spejjez fuq l-istess Bastiment u in vista tal-fatt illi kull ma jmur l-istat tal-bastiment sejjer ikompli jiddeterjora fl-istat inattiv li jinsab fih, u allura l-valur tieghu dejjem qed jonqos. Ghalhekk bejgh kif propost permezz tal-MOA joffri aktar garanziji lill-kredituri kollha

tal-Bastiment minn subbasta, kif sfortunatament gie manifestament ipprovat bhala rizultat tal-ewwel subbasta tal-Bastiment tat-28 ta' Gunju 2018 li kellu jigi abbandunat wara li l-persuna li suppost xtratu naqset milli tiddepozita l-prezz dovut skond il-ligi.

11. Illi l-prezz ta' hamsa u tletin miljun Ewro (€35,000,000), liema prezz ma jinkludix il-VAT, ghandu jkun bizzejjed, skond il-kalkoli provizorji tal-Bank rikkorrenti, biex ikopri l-pretensjonijiet tal-kredituri kollha prezentement maghrufa, illi t-totalita taghhom jammontaw ghal ftit anqas minn tmienja u ghoxrin miljun Ewro (€28,000,000), hekk kif ikkalkulati skond l-iskema hawn annessa u mmarkata "Dokument TF4", liema skema ma tinkludix l-ispejjez u interessi kollha, imma xorta l-prezz shih ghandu jkopri dawn kollha.

12. Illi d-ditta ta' konsulenti "Deloitte" taw parir lix-Xerrejja dwar it-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) (hawn anness u mmarkat bhala Dok. TF5.) u dan wara illi l-istess Deloitte konsultaw lill-ufficjali tad-dipartiment tal-VAT. Kif jirrizulta mill-istess parir, is-socjeta kompratrici, kif dirett u approvat mill-Kummissarju tat-Taxxi (vide l-ittra annessa mal-istess Memo), sejra hi takkonta ghal VAT direttament mad-Dipartiment tal-VAT.

13. Illi ghandu jigi rilevat illi skond klawsola 5 tal-MOA, il-partijiet ftehmu illi:
a. Dr Adrian Camilleri detentur tal-Karta ta' Identita' Numru 350380M jigi proponut lil dina l-Onorabbli Qorti ghall-finjiet tal-Artikoli 362 u 363 tal-Kap.12 bhala l-persuna li tkun intitolata titrasferixxi l-Bastiment skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet approvati mill-Qorti (il-"Kuratur"), daqs li kieku kien is-sid registrat tal-bastiment, kif ukoll sabiex dan ikun intitolat jiddepozita l-prezz tal-Bastiment fil-Qorti fi zmien sebat (7) ijiem mid-data ta' meta l-bejgh jigi finalizzat;

b. Din l-Onorabbli Qorti ghandha tintalab tordna illi:
i. Il-Bill of Sale relattiva tigi iffirmata mill-Kuratur a favur ix-Xerrejja in triplikat, bi tliet dokumenti originali identici, debitament notarizzati u apostillizzati, jekk ikun hekk mitlub mix-Xerrejja, b'zewg settijiet ta' dokumenti ikkonsenjati lix-Xerrejja malli l-prezz miftiehem jigi mhallas lill-kuratur, u s-sett rimanenti ikkonsenjat lill-Bank rikorrenti;
ii. Tiddikjara illi l-bejgh tal-Bastiment sejjer isir (kif provdut fl-art. 364 tal-Kap. 12) minghajr l-ebda dejn fuqu, u cioe "Free from encumbrances";
iii. Kwalsiasi certifikat tal-Bastiment li seta' gie maqbud mill-Qorti jew taht l-awtorita tal-Qorti, ghandu jigi rilaxxjat u mghoddi lix-Xerrej jew kif dirett mix-Xerrej.

14. Illi, dan ir-rikors qed jigi notifikat lill-Bastiment u lix-Xerrejja, salv kwalsiasi direzzjoni ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti toghgobha taghti ai termini tal-Artikolu 360 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

15. Illi l-Bank umilment jissottometti illi, ghall-iskopijiet tal-artikolu 358 et seq., tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa fl-interesss tal-kredituri kollha illi l-bejgh tal-Bastiment ai termini tal-MOA ghandu jissokta u jigi awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti.

Ghaldaqstant il-Bank rikorrenti filwaqt li jgib il-premess a konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni ulterjuri li jidhrilha xierqa u opportuna, joghgobha:

a) Tawtorizza u tapprova ai termini tal-Artikolu 358 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-bejgh tal-bastiment M/Y INDIAN EMPRESS lis-socjeta Sea Beauty Yachting Limited ghas-somma ta' hamsa u tletin miljun Ewro (€35,000,000) apparti kwalsiasi VAT li jista' jkun dovut skond il-ligi, u dan skond it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-MOA, ossija il-Memorandum of Agreement datat 7 ta' Settembru 2018 (Dok. TF3);

b) Tiddeciedi u tordna illi I-Av. Dott. Adrian Camilleri detentur tal-Karta tal-Identita Numru 350380M (jew persuna alternattiva li taghzel il-Qorti) jigi mahtur bhala l-persuna nominata ai termini tal-Artiklu 362 et seq. tal-Kap. 12 sabiex allura l-istess Av. Dott. A. Camilleri (jew persuna alternattiva li taghzel il-Qorti) jittrasferixxi, daqs li kieku kien hu s-sid, il-bastiment M/Y INDIAN EMPRESS lis-socjeta Sea Empress Yachting Limited, billi jiffirma l-Bill of Sale relattiva u jirrilaxxja l-istess wara l-pagament relattiv tax-Xerrejja, u dan kollu taht dawk il-provedimenti u kundizzjonijiet illi huma stipulati fil-MOA;

c) Tiddeciedi u tordna lill-istess Av. Dott. Adrian Camilleri, jew lill-persuna alternattiva appuntata minn din l-onorabbli Qorti ghall-istess skop, biex jigbor minghand ix-Xerrejja il-prezz shih ghall-bejgh tal-Bastiment, u li l-istess persuna ghandha tiddepozita il-prezz shih tal-bejgh tal-Bastiment, inkluz id-depozitu, il-Qorti ai termini tal-Artikolu 363 tal-Kap. 12;

d) Taghti dawk id-direttivi u ordnijiet li jidhrilha xierqa u ragjonevoli fl-interess il-kredituri tal-Bastiment u/jew tal-proprjetarju tal-Bastiment, in konnessjoni mal-oggetti kollha illi bhalissa jinstabu fil-pussess u l-kustodja tas-socjeta Melita Power Diesel Ltd;

e) Tiddeciedi u tordna, ai termini tal-Artikolu 326 tal-Kap. 12, Ligijiet ta' Malta, il-kancellazzjoni tas-subbasta 12/2018MCH Melita Power Diesel Limited vs M/Y Indian Empress. IMO no. 1006245, illi ghandu jsir nhar id-19 ta' Settembru 2018;

f) Tiddikjara, tiddeciedi u, jekk ikun il-kaz, tordna illi:
i. Il-Bill of Sale relattiva tigi ffirmata a favur ix-Xerrejja in triplikat, bi tliet dokumenti originali identici, debitament notarizzati u apostillizzati, jekk ikun hekk mitlub mix-Xerrejja, u konsenjati lix-Xerrejja malli l-prezz miftiehem jigi mhallas lill-kuratur;
ii. Illi bis-sahha tal-bejgh tal-"yacht" Indian Empress lis-socjeta kornpratrici Sea Beauty Yachting Limited, l-istess socjeta kompratrici sejra takkwista, kif inhu provdut fl-art. 364 tal-Kap. 12, titolu tal-Bastiment illi “ma jkunx aggravat minn kull privilegg jew piz" u kwindi minghajr l-ebda dejn fuqu, ossija "free from encumbrances";
iii. Kwalsiasi certifikat tal-Bastiment li seta' gie maqbud mill-Qorti jew taht l-awtorita tal-Qorti, ghandu jigi rilaxxjat u mghoddi lix-Xerrejja jew kif dirett mix-Xerrejja;

Bl-ispejjez kontra l-Bastiment intimat, inkluzi spejjez gudizzjarji, kif ukoll taxxi konnessi mal-istess bejgh.

Rat ir-risposta tas-socjeta estera Assikuratrici Assuranceforeningen SKULD (Gjensidig) li tghid hekk:

1. Illi din l-Onorabbli Qorti ordnat lill-esponenti nomine tipprezenta risposta ghar-rikors intavolat mill-Barclays Bank plc, liema rikors gie notifikat lill-esponenti fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018).

2. Illi l-esponenti nomine qeghda tirrimetti ruhha ghar-rigward tat-talba maghmula mill-Bank sub-indikat fejn dan talab ghas-sospensjoni tas-subbasta odjerna, liema subbasta qeghda appuntata ghad-dsatax (19) ta' Settembru.

3. Illi I-esponenti giet notifikata wkoll bl-atti relatati mat-talba tal-Barclays Bank plc fejn talab il-Court approved sale tal-imsemmi bastiment u dan ai termini tal-Artikoli 358 et sequitur tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-istess atti flimkien mad-dokumenti annessi gew notifikati lill-esponenti fit-tnax (12) ta' Settembru wkoll.

Rat ir-risposta tas-socjetajiet Femo Bunker S.r.l., Agence Maritime Tropezienne, Catalano Shipping Services, S.S.P. Societa Sviluppo Porti S.r.l., San Giorgio Shipping Services S.r.l., u Ryacht S.r.l. li tghid hekk:

IIIi I-esponenti ma ghandhomx oggezzjoni ghat-talbiet tal-bank Barclays Bank plc ghall-awtorizzazzjoni u approvazzjoni ta' din I-Onorabbli Qorti ghall-bejgh privat tal-bastiment INDIAN EMPRESS stante iIIi I-istess bank iddikjara fil-paragrafu 11 tal-istess rikors, ghal liema dikjarazzjoni jibqa' dejjem responsabbli I-bank, illi:
"11. IIIi I-prezz ta' hamsa u tletin miljun Ewro (€35,000,000), liema prezz ma jinkludix ii-VAT, ghandu jkun bizzejjed, skond il-kalkoli provizorji tal-Bank rikorrenti, biex ikopri I-pretensjonijiet tal-kredituri kollha prezentement maghrufa, illi t-totalita taghhom jammontaw ghal ftit anqas minn tmienja u ghoxrin miljun Ewro (€28,000,000), hekk kif ikkalkulati skond I-iskema hawn annessa u mmarkata "Dokument TF4", liema skema ma tinkludix l-ispejjez u I-interessi kollha, imma xorta I-prezz shih ghandu jkopri dawn kollha".

Daqstant ghandhom x'jissottomettu I-esponenti ghas-savju gudizzju ta' din I-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta ta’ Grand Harbour Marina p.l.c. li tghid hekk:

Fit-13 ta' Settembru 2018, is-socjeta esponenti giet innotifikata bir-rikors promotur f'dawn I-atti ghall-bejgh privat tal-Bastiment.

Is-socjeta esponenti topera I-marina Ii fiha gie arrestat il-Bastiment intimat minn numru kbir ta' kredituri u ghaldaqstant ghandha diversi ammonti Ii ghad iridu jigu mhallsa u rkuprati. Id-dejn tas-socjeta esponenti jikkonsisti f'ammont dovut ghall-ispejjez mehtiega ghall-preservazzjoni tal-Bastiment, liema spejjez jinkludu berthing fees u utilities, u Ii gew inkorsi wara Ii dan gie arrestat. Dan I-ammont, sat-12 ta' Settembru 2018 kien ta' €177,027.58 (imghaxijiet eskluzi). Ma' din ir-risposta, is-socjeta esponenti qed tipprezenta statement of account flimkien ma' diversi invoices Ii harget is-socjeta esponenti (I-invoices Ii nhargu sat-28 ta' Awwissu 2018 gew approvati u kkonfermati mill-Kaptan Joe De Gabriele, liema Kaptan inhatar minn dina I-Onorabbli Qorti fil-proceduri tas-subbasta ghall-bejgh tal-bastiment Ii issa gew sospizi).

ls-socjeta esponenti ma toggezzjonax ghat-talbiet tar-rikorrenti nomine fir-rikors sabiex isir il-bejgh privat tal-bastiment skont it-termini tar-rikors. Dan pero, minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tas-socjeta esponenti li tikkonkorri flimkien mal-kredituri l-ohra fuq ir-rikavat tal-bejgh tal-Bastiment intimat wara li dan jigi ddepozitat fi-registru ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta tal-Bastiment M/Y Indian Empress li tghid hekk:

1. Din hija risposta ghar-rikors li sar minn Barclays Bank plc., bank esteru registrat l-Ingilterra, debitament rapprezentat mill-avukat Dott. Tonio Fenech (K.I. 473663(M)), bhala mandatarju specjali, tal-hdax (11) ta' Settembru elfejn u tmintax (2018) , liema rikors gie notifikat lill-esponenti fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), ghall-bejgh tal-Bastiment M/Y Indian Empress lis-socjeta Sea Beauty Yachting Limited ghas-somma ta' hamsa u tletin miljun Ewro (€35,000,000), liema prezz ma jinkludix il-V.A.T., ai termini tal-Artikolu 358 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament l-esponenti jfakkar li l-uniku interess tieghu fil-vertenza hi li l-kredituri kollha jigbru il-kreditu taghhom mill-bejgh tal-Bastiment, u li l-interessi tad-debitur jigu salvagwardjati;

3. Illi jigi rilevat li hemm numru ta' kredituri, liema minnhom huma kumpanniji rinomati, u kif ukoll ir-Registru tal-Vapuri tal-Isle of Man, li sal-lum ghadhom ma rregistrawx il-kreditu taghhom a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u ghadhom jafu il-kreditu taghhom lill-Indian Empress Limited, liema pretensjonijiet gew ikkalkolati skont l-iskema hawn annessa u mmarkata bhala “DOK. GF1”;

4. Illi fl-istess waqt jigi rilevat illi diversi oggetti personali, kemm tal-proprjetarji tal-Bastiment kif ukoll tal-guests taghhom matul is-snin, ghadhom jinstabu abbord il-Bastiment, ritratti ta' liema huma inkluzi fid-dokument hawn anness u mmarkat bhala “DOK. GF2”;

5. Illi kif tajjeb imsemmi mill-Bank Kreditur kif ukoll f'nota tas-socjeta Melita Power Diesel Ltd fil-mori da dawn il-proceduri, diversi oggetti jinstabu fil-pussess u l-kustodja tas-socjeta Melita Power Diesel Ltd, ritratti ta’ liema huma inkluzi fid-dokument hawn anness u mmarkat bhala “DOK. GF3”.

Ghaldaqstant l-esponenti jissottometti li din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex taccetta it-talba ghall-bejgh tal-Bastiment M/Y Indian Empress lis-socjeta Sea Beauty Yachting Limited ghas-somma tal hamsa u tletin miljun Ewro (€35,000,000), liema prezz ma jinkludix il-V.A.T., ai termini tal-Artikolu 358 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta minghajr ma;

a. Tordna sabiex, fl-interess tal-partijiet kollha interessati, il-kreditur Bardays Bank plc jipprezenta Statement ufficjali aggornat tal-pretensjonijiet kollha tieghu skont il-Mortgages datati rispettivament 8 ta' Awwissu 2008 u 24 ta’ Marzu 2010, li jinkludu l-interessi taht il-Loan Agreement u l-iSwap.
b. Tordna li l-pretensjonijiet tal-kredituri li ghadhom ma rregistrawx il-kreditu taghhom, hekk kif sottolinejati fl-iskema hawn annessa u mmarkata bhala "DOK. GF1" jittiehdu in konsiderazzjoni u jigu trasferiti mir-rikavat tal-bejgh lis-Service Provider tal-Bastiment How 2 Agency Ltd;

c. Tordna li l-oggetti personali tal-proprjetarji tal-Bastiment u tal-guests taghhom matul is-snin, kif ukoll l-oggetti li jinstabu fil-pussess u l-kustodja tas-socjeta Melita Power Diesel Ltd, hekk kif huwa indikat f'Dok. GF2 u GF3 rispettivament, jigu mghoddija lir-rapprezentanti legali tal-Bastiment li minn naha taghhom jghaddu l-oggetti lis-sidien rispettivi, hekk kif debitament awtorizzati.
d. Tordna illi kull ammont rimanenti mir-rikavat tal-bejgh tal-Bastiment jigi mghoddi lir-Rapprezentanti Legali tal-Bastiment f'escrow account assenjat ghall-istess raguni.

Rat in-nota tas-socjeta estera Affinity Management Services Limited li tghid hekk:

Li permezz taghha, filwaqt li ssir referenza ghar-rikors intavolat mill-Barclays Bank plc datat 11 ta' Settembru 2018 u ghad-digriet ta' din l-Onor. Qorti ukoll li jgib id-data 11 ta Settembru, 2018 relattivament dwar, inter alia, l-awtorizzazzjoni u l-approvazzjoni ai terminu tal-Artikolu 358 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta tal-bejgh tal-bastiment MY Indian Empress lis-socjeta Sea Beauty Yachting Limited ghal €35,000,000, is-socjeta estera Affinity Management Services Limited qua kreditrici, ma ghandha l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet rikorrenti kif hemm dedotti.

Rat in-nota tas-socjeta kompratrici Sea Beauty Yachting Limited li tghid hekk:

Illi permezz taghha qed jaghmel dan li gej u cioe:
1. Jaghti ruhu b'notifikat tar-rikors taI-Av. Dott. Tonio Fenech nomine fl-ismijiet premessi;
2. Jiddikkjara illi jaqbel mal-kontenut tieghu in kwantu huwa minnu illi (i) s-socjeta Sea Beauty Yachting Limited dahlet fi ftehim mal-mandanti tal-istess Av. Dott. Tonio Fenech, u cioe ma' Barclays Bank, liema ftehim huwa datat 7 tal Settembru, 2018 u huwa gia esebit fl-atti tal-proceduri odjerni, (ii) is-socjeta kompratrici lesta illi tixri u takkwista l-yacht taht dawk it-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ftehim;
3. In kwantu jlkkoncerna l-VAT, in sostenn ta' dak gia premess mill-istess rikorrent nomine fir-rikors promutur tieghu (vide paragrafu numru tnax), qed jannetti u jesebixxi bhala Dokument JSD1 u Dokument JSD2, kopji tal zewg ittri, it-tnejn li huma datati 11 ta' Settembru, 2018, mahrugin mill-Kummissarju tat-Taxxi, illi minn naha tieghu jikkonferma illi ma hemmx htiega illi jithallas VAT mal-bejgh izda minflok l-istess socjeta kompratrici tista' takkonta hi ghal VAT kif ahjar spjegat mill-istess Kummissarju.

Rat li r-rikors thalla ghal provvediment.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu rikors maghmul taht l-artikolu 358 tal-Kapitolu 12 li jaghti jedd lil Qorti li wara rikors tal-kreditur li ghandu titolu ezekuttiv tapprova l-bejgh privat ta' vapur favur xerrej identifikat bi hlas ta' prezz determinat.

L-ewwel element li jrid jigi sodisfatt ghalhekk hu l-kreditu u li fuq dan il-kreditu l-kreditur jgawdi titolu ezekuttiv.

Il-bank rikorrenti ghandu kreditu li huwa kawtelat b'zewg ipoteki navali ossia mortgages datati 8 ta' Awwissu 2008 u 24 ta' Marzu 2010, liema mortgages gew rezi titolu ezekuttiv bis-sahha ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Mejju 2018 u debitament notifikata lill-bastiment intimat. Imghaxijiet u spejjez ulterjuri qed ikomplu jizdiedu fuq il-mortgage claim tal-Bank sad-data tal-pagament effettiv.

Il-bank rikorrenti qed jitlob li jigi awtorizzat ibiegh il-vapur M/Y INDRIAN EMPRESS proprjeta tas-socjeta debitrici Indian Empress Limited b'mod privat cioe mhux b'subbasta tal-Qorti. Ghal dan il-ghan hi esebiet fl-atti zewg stimi indipendenti tal-valur u tal-kondizzjoni tal-vapur permezz tal-esperti cioe tal-Royale Quays Superyachts u tal-Eastwind. L-ewwel stima hi ta' bejn €33.5 miljun u €38 miljun; it-tieni hi ta' bejn €28 miljun u €30 miljun, it tnejn eskluz il-VAT.

Is-survey maghmul minn Royale Quays surveyor juri li l-valutazzjoni hadet in konsiderazzjoni il-kondizzjoni u eta tal-vapur fl-istat attwali tenut kont ta' kontingenzi improvisti, is-suq prezenti, il-valur approsimattiv tal-tiswijiet u spejjez ohra u l-fattur tal-bejgh forzat.

Eastwind surveyor, Luc Khaldoun, spjega illi fil-valur ittiehed in kunsiderazzjoni l-eta, il-pedigree tal-vapur, il-kondizzjoni prezent li f'dan il-kaz ittiehdet minn surveys passati u prezenti, u t-tiswijiet u manutenzjoni li trid issirlu.

Il-bank rikorrenti qed jitlob li jsir il-bejgh tal-vapur bil-valur ta' €35 miljun eskluz il-VAT dan wara li gie redatt il-Memorandum of Agreement tas-7 ta' Settembru 2018 ma' kumpratur prospettiv Sea Beauty Yacthing Limited kif jitlob l-artikolu 359 tal-Kap. 12. Din l-offerta tidhol sew fil-parametri tal-istimi indipendenti. Il-Qorti tqis li l-offerta hi vantagguza fic-cirkostanzi billi tissupera ukoll wahda mil-valuri tal-istimi indipendenti inkluz li l-vapur bhalissa hu mizmum Malta u ilu xhur twal hekk mizmum u ghalhekk iz-zmien hu fattur negattiv ghal prospetti ta' bejgh tal-vapur fejn in-nuqqas ta' uzu qed izzid il-hsara u zieda ta' spejjez f'tiswija u qed jizdiedu kontinwament l-ispejjez l-ohra konnessi ma' manutenzjoni urgenti u necessarja tal-vapur kif ukoll spejjez u hlasijiet amministrattivi u portwali u z-zieda fl-imghaxijiet fuq krediti dovuti.

Il-Qorti ma ssibx raguni ghalfejn dan il-bejgh ma ghandux isir. Ma jidhirx f'dan il-kaz, skond ma jirrizulta fl-atti, li hemm xi oppozizzjoni jew oggezzjoni konnessa mal-bejgh innifsu minn xi kreditur iehor jew id-debitur. B'danakollu saru xi talbiet jew riservi mir-rikorrenti u d-debitur li l-Qorti ser tindirizza.

Il-bank kreditur u l-istess debitur ghamlu talbiet konnessi ma' oggetti mobbli li jinsabu in parti fuq il-vapur u in parti ghand wiehed mill-kredituri cioe Melita Power Diesel li xpruna l-proceduri ta' bejgh b'subbasta tal-istess vapur u li fil-verbal tad-19 ta' Settembru 2018 iddikjara li ma kellux oggezzjoni ghal bejgh approvat mill-Qorti kif mitlub mill-bank rikorrenti. Dawn l-oggetti kollha huma annessi mar-riposta tal-vapur u huma dawk elenkati f'Dok. GF2 u GF3.

Waqt it-trattazzjoni fuq il-kwistjoni quddiem il-Qorti id-difensur tal-kreditur Melita Power Diesel iddikjara li ser jiddepozita l-oggetti fil-pussess tieghu taht l-Awtorita tal-Qorti, u l-Qorti ordnat li hekk isir. In kwantu ghall-oggetti li jinsabu fuq il-vapur elenkati fid-dokument GF2, wara li hadet in konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni tax-xerrej prospettiv li hu ma ghandu ebda interess jew jippretendi xi jedd fuq dawn l-oggetti jekk jigi approvat il-bejgh privat, il-Qorti ghamlet l-istess ordni ta' depozitu. Fiz-zewg kazijiet il-Qorti appuntat lil Pierre Grech Pillow bhala konsenjatarju. Il-Qorti pero ordnat li l-ispare parts tal-vapur fil-pussess ta' Melita Power Diesel jigi ritornati lil vapur bla riserva.

Il-Qorti tqis illi dan ix-xenarju ikkreja sitwazzjoni ftit anomala. Il-principju regolatur kemm f'subbasta b'ordni tal-Qorti u dik b'approvazzjoni tal-Qorti, hu illi l-vapur jinbiegh b'dak kollu li fih ghax il-prezunzjoni hi li l-vapur bl-accessorji tieghu u kull ma hemm fih huma parti integrali mill-vapur u jappartjenu lid-debitur. Darba li jigi approvat il-bejgh il-vapur b'kull ma fih ighaddi b'titolu ta' proprjeta liberu minn kull piz lix-xerrej approvat. Ix-xerrej approvat f'dan il-kaz qed jirrinunzja minn qabel ma hu approvat il-bejgh ghal kull pretensjoni fuq l-oggetti elenkati f'Dok. GF2 u GF3. Dan ma jfissirx li l-oggetti ma jkunux tieghu meta jigi approvat il-bejgh kemm ghax ma hemmx din l-eskluzjoni fil-Memorandum of Agreement mal-bank kreditur u kemm ghaliex kif inghad il-bejgh ta' vapur jinkludi kull ma fih. Sitwazzjoni simili legali b'fatti differenti u wara bejgh b'ordni tal-Qorti mhux bejgh approvat mill-Qorti sehhet fil-kawza **Falzon Service Station Limited vs Il-bastiment Zebbug et**, App

06/03/2017, fejn il-Qorti qieset li l-bunkers kienu inkluzi fil-bejgh tal-vapur u l-kredituri tal-bunkers kellhom jedd biss kontra r-rikavat billi t-titolu tieghu ma giex kawtelat qabel il-bejgh tal-vapur. F'dawn ic-cirkostanzi fil-kaz prezenti l-oggetti ma jistghux jitqiesu li huma parti mir-rikavat tal-bejgh kif qed jippretendu whud mill-kredituri. Sad-data ta' dan il-provvediemnt ebda terz inkluz il-vapur ma ipprezenta, kif kellu kull jedd, procedura gudizjarja biex jivvendika t-titolu fuq dawn l-oggetti. Kull ma jirrizulta hu illi l-istess vapur qed jissottometti fir-risposta tieghu illi l-oggetti huma tal-beneficjarji tas-socjeta proprjetarja tal-vapur jew terzi. F'dawn il-proceduri din is-sottomissjoni ma ghandha ebda valur, bla pregudizzju ghad-drittijiet ta' terzi fi proceduri ohra li jistghu jittiehdu.

Ghalkemm il-Qorti mhix ser tippronunzja ruhha fuq d-dikjarazzjoni maghmula mid-difensur legali tax-xerrej prospettiv fuq dak li tista' tfisser renunzja ta' jedd jew pretensjoni fuq oggetti li ghadhom lanqas huma tieghu pero billi hemm ftehim preliminari fuq il-bejgh tal-vapur, minhabba din is-sitwazzjoni, il-Qorti dehrilha li jkun ghaqli li l-affarijiet ma jithallewx abbord il-vapur ghax dan seta' jippregudika l-moviment hieles tal-vapur jekk jigi approvat il-bejgh u terz jivvanta xi drittijiet fuq l-oggetti msemmija fid-Dok. GF2 u GF3. Ghalhekk ordnat id-depozitu taghhom u fi proceduri distinti minn din, kull parti tista' tressaq il-pretensjonijiet taghha.

Ghalhekk il-Qorti qed tilqa' r-raba' talba tal-bank rikorrenti skond ma gie ordnat fil-verbal tad-19 ta' Settembru 2018 u tichad l-eccezzjoni tal-vapur f'dan l-istadju li l-oggetti f'Dok. GF2 u GF3 ighaddu minn issa lis-sidien taghhom.

In kwantu ghall-eccezzjonijiet tal-vapur cioe li l-bank kreditur jaghmel statement aggornat tal-pretensjonijiet tieghu, tali talba hi intempestiva u semmai ghandha issir meta l-kredituri jitolbu l-hlas tal-krediti mir-rikavat tal-bejgh. L-istess jinghad ghas-sottomissjoni dwar kredituri li ghadhom ma irregistrawx it-titolu taghhom kif sottomess b'lista Dok. GF1 mar-risposta tal-vapur u li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni fil-qsim tar-rikavat, din il-Qorti tqis illi tali sitwazzjoni hi pertinenti ghal konkors ta' kredituri mhux ghal approvazzjoni ta' bejgh privat.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel tlett talbiet tal-bank rikorrenti u tordna l-bejgh privat tal-bastiment M/Y INDRIAN EMPRESS lis-socjeta Maltija Sea Beauty Yachting Limited u dan versu l-prezz ta' hamsa u tletin miljun euro (€35 miljun) eskluz il-VAT skond il-Memorandum of Agreement datat 7 ta' Awwissu 2018 liema bejgh ghandu jaghti lix-xerrej titolu mhux aggravat minn kull privilegg jew piz ai termini tal-artikolu 364 tal-Kap. 12; u ghal dan il-ghan tahtar lil Avukat Adrian Camilleri sabiex ai termini tal-artikolu 362 tal-Kap. 12 ikun intitolat jitrasferixxi l-vapur bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati senjatament dawk tal-artikolu 364 tal-Kap. 12.

In kwantu ghar-raba' talba l-Qorti gia ordnat id-depozitu tal-oggetti elenkati fid-Dok. GF2 u GF3 fir-risposta tal-vapur b'digriet tad-19 ta' Settembru 2018 u ghalhekk qed tqis din it-talba bhala ezawrita.

In kwantu ghal hames talba l-Qorti qed tastjeni milli tiddeciedi dwarha billi tali koncellament tas-subbasta tista' issir biss b'talba fl-atti tas-subbasta wara li jkun sehh il-bejgh approvat mill-Qorti.

Tilqa' s-sitt talba.

Spejjez ghall-intimat bastiment.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur